**28 ta' Mejju, 1987**

**Imħallef: –**

**Onor. Carmel A. Agius B.A., LL.D.**

Il-Pulizija (Spettur Michael Cassar)

*versus*

Joseph Farrugia

**Manteniment – Artikoli tal-Liġi Żbaljati – Nullità tas-Sentenza**

*Meta l-artikoli ċċitati fis-sentenza tal-Qorti Inferjuri jkunu żbaljati, dan il-fatt iġib in-nullità tas-sentenza appellata u l-Qorti ta' l-Appell Kriminali terġa' tisma' l-każ mill-ġdid.*

*Kap ta' familja li jonqos, mingħajr raġuni valida li jipprovdi għal martu u għal uliedu, ikun ħati tal-kontravvenzjoni kkontemplata fil-paragrafu (y) ta' l-artikolu 338 tal-Kap. 9 anke jekk fil-fatt dik il-mara tkun għal xi żmien qed taqla' x'tiekol bix-xogħol tagħha.*

Il-Qorti: –

Rat l-imputazzjoni miġjuba mill-Pulizija kontra l-imputat talli f'dawn l-aħħar ġimgħat u fil-11 ta' Ottubru, 1986, bħala kap tal-familja ħalla lil martu Grace Farrugia fil-bżonn minħabba ħajja bla qies jew nuqqas ta' kont għax-xogħol;

Rat is-sentenza tal-Qorti Kriminali tal-Maġistrati tal-Pulizija Ġudizzjarja għall-Gżira ta' Malta tad-29 ta' Jannar, 1987, li biha wara li kkunsidrat illi l-akkuża tirriżulta ppruvata,

sabitu ħati u wara li rat l-artikolu 338(ż) u 339(ċ) tal-Kapitolu 9 u għamlet riferenza għas-sentenza tagħha oħra ta' l-istess data kontra l-imputat, "Minħabba li tqis il-prossimità ta' din l-akkuża ma' dawk oħrajn meta kien hemm appell pendenti", ikkundannatu għaxar liri ammenda (Lm10) – xahar żmien għall-ħlas;

Rat ir-rikors ta' l-appell ta' l-imputat li bih talab li din il-Qorti tirrevoka s-sentenza appellata ssibu mhux ħati u tilliberah;

Rat l-atti rilevanti u opportuni;

Semgħet il-provi;

Ittrattat l-appell;

*Ikkunsidrat:*

*Omissis;*

Illi fil-fatt l-artikoli ċċitati fis-sentenza appellata u ċjoè 338(ż) u 339(ċ) tal-Kap. 9 m'għandhom x'jaqsmu xejn ma' l-akkuża dedotta u li tagħha nstab ħati l-appellant ċjoè dik taħt l-art. 338(y) tal-Kap. 9, li effettivament l-Ewwel Qorti naqset li tindika. Dan iġib in-nullità *tas-sentenza appellata u għalhekk din il-Qorti sejra* wara li semgħet il-provi tiddeċidi l-każ hi;

Jirriżulta mill-provi li l-appellant għalkemm ordnat għal darba, tnejn mill-Qorti kompetenti jħallas lil martu manteniment ferm aktar mill-Lm5 li qed iħallas hu baqa' rasu iebsa u ma ħallasx dak ordnat. Ġab 'il quddiem diversi skużi però ebda waħda ma pprova u għalhekk l-iżregulatezza hi ppruvata

suffiċjentement. Il-fatt li martu għal xi żmien kienet ukoll qed taqla' x'tiekol ma jgħodd xejn kif ġie stabbilit minn din il-Qorti *in re* Il-Pulizija *vs* Michael Spiteri deċiża fl-14 ta' Frar, 1959 u qabel fis-sentenza *in re La Polizia vs* Tabone tas-17 ta' Jannar, 1931, fejn intqal:

*"Nel diritto.....la società e interessata che il capo della famiglia provvede pel coniuga e pei figli; e se questi per non morire di fame, trovano il necessario ed immediato aiuto in persone strette di famiglia, ed essendo tale aiuto insufficiente, la moglie si mette a servizio di persone come domestica,* **non esula per ciò la figura del reato** contemplato nella succitata *disposizione. Il capo di famiglia che abbandona la moglie ed i figli, lasciandoli sprovvisti, consuma il reato ivi contemplato, anche se tale moglie si mette al lavoro e quindi guadagna la giornata, in quanto che la potenzialità del danno alla società e il disordine famigliare rimane sempre";*

Għal dawn il-motivi tiċħad l-appell, issib lill-imputat ħati u tikkundannah Lm10 ammenda bi żmien xahar għall-ħlas.